**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Khaileefah Ahmed Alhaaj Aljeelani Aljamie**

**Illum 11 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Khaileefah Ahmed Alhaaj Aljeelani Aljamie** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 157927A billi huwa akkuzat:

1. Talli nhar id-9 ta' Mejju 2017, bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar u s-sebgha ta' wara nofsinhar (17.00-19.00hrs) gewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u/jew f'inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer, ikkometta serq ta' oggetti minn gewwa l-istabillimenti 'The Capital' ghad-dannu ta' Kevin Gauci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema valur

ma jiskorrix il-€232.94 u dan bi ksur tal-artikolu 284 tal- kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar id-9 ta' Mejju 2017 u fil-gimghat ta' qabel ghex hajja ta' ghazz u vagabundagg u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil Sharon Zito u Josephine Debono li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti , dixxendenti jew ahwa subien jew bniet taghhom meta huwa kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna lil imsemmija persuni biza' u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, b'sentenza moghtija nhar il-12 ta' Mejju 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija deffinitiva u ma tistax tinbidel;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Decide :**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, 284, 251B, 289 u 338(w), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hati u tikkundannah (9) disa` xhur prigunerija.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**